# Beati u Qaddisin...Jannar

BEATA STEFANIA QUINZANI 15 ta' JANNAR

Twieldet hdejn Brescia, fl-Italja fis-sena 1457 go familja tassew nisranija ferventi. Ghexet fil-villagg ta' Soncino fejn kien hemm monasteru tad-Dumnikani msemmi ghall-predikaturi tieghu u spiritwalita' li kien joffri. Wiehed mill-patrijiet, patri Mattew Carreri, li kien jaf il-familja taghha ghallimna xi talb u habbrilha li kien ser ihalliha werrieta tal-propjeta' tieghu.




Xi snin wara l-mewt ta' dan il-patri ta' hajja tajba, hasset qalbha minfuda bid-dulur u rat lil dan il-patri mejjet joffrilha dak li kien wieghdha zmien qabel, li jaghmilha werrieta tal-propjeta tieghu: IT-TBATIJA. Din kienet ser tkun xortiha. In-nies kienu jghidu ghal hajjitha: "Hija aktar ammirabbli milli imitabbli."

Il-Mulej deherilha meta kellha seba' snin flimkien ma' Ommu Marija, San Duminku, San Tumas D'Aquino u Santa Katarina minn Siena u qalilha li riedha tidhol Dumnikana bhal dawk il-qaddisin mdawrin mieghu.

Weghditu li tidhol f'monasteru  jew ghal anqas tkun membru tat-Terz Ordni Dumnikana.  Aktar tard f'hajjitha ghazlet li timxi fuq din l-ahhar triq u giet imlibbsa t-tunika tat-Terz Ordni Dumnikana.

Meta kienet ghadha tfajla ta' hdax-il sena, hija kienet tipprattika l-penitenza li minn xi daqqiet kienet iebsa ghal eta' taghha. Is-sawn ghaliha kien haga perpetwa. Meta kellha hmistax-il sena, fil-jum tal-Gimgha l-Kbira l-Mulej Gesu' deherilha u qalilha li hija kellha tghaddi minn parti minn dik it-tbatija li ghaddha hu. F'rasha kellha tracci tal-kuruna tax-xewk, u hafna kien x-xiehda li kull gimgha kienu jarawha ssofri l-agunija.

Sofriet mhux biss fisikament izda wkoll minn nixfa spiritwali u dan kien ghaliha torment aktar milli kienet tbati fil-gisem taghha. L-anglu taghha qalilha li wahda mit-toroq li tersaq lejn Alla hija t-triq tat-tbatija. Bniedem li jghaddi minn din it-triq kellu mhux biss jghaqqad il-volonta' tieghu ma' dik ta'Alla izda joffrilu wkoll il-hajr tieghu.

Il-Beata Stefanja kellha d-don li taqra r-ruh u jum wiehed waqqfet mara milli tivvalena 14 il-persuna ohra bhalma kellha l-hsieb li taghmel. Widdbitha li ma kelliex twettaq dak l-ghemil hazina, inkellha kienet kostretta li tixliha. Kienet tpoggi fil-prattika l-ghemejjel tal-hniena mal-proxxmu. Kienet titlob ghan-nom tal-fqar. Tant kienet migjuba li hafna nies sinjuri taljani rieduha tmur tghix fil-propjeta' taghhom, izda hija irrifjutat u riedet li tibqa' tghix gewwa Soncino god-dar fqira.

Meta waqqfet monasteru gewwa rahal twelidha, accettat l-ghajnuna ta' wiehed sinujur.  Hemm flimkien ma' tletin tfajla ohra kienu jghixu biex jikbru fil-hajja spiritwali.  Lejn tmiem is-sena 1529 hija mardet u mietet fit-2 ta' Jannar tas-sena 1530 meta kellha 73 sena.  Sehhew bosta mirakli wara mewtha u kien il-Papa Bemnedittu XIV li ghamilha beata fis-sena 1740.